MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 379/2008

**Avukat Dr. Antoine Cremona (ID Nru. 11980G) fil-kwalita` tieghu ta` mandatarju specjali tas-socjeta` C. Van de Watering & Zn. B.V. (IABC5375) ta` 4814 RC, Breda, L-Olanda**

***kontra***

**CPS Company Limited (C12093)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-**rikors guramentat** prezentat fis-16 ta` April 2008 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` estera C. Van de Watering & Zn. B.V. (IABC 5375) ta` 4814 RC, Breda, L-Olanda hija socjeta` attiva fis-suq ta` l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta` frott u hxejjex u kienet tissupplixxi lis-socjeta` konvenuta b`diversi kwalitajiet differenti ta` frott, haxix u zrieragh u prodotti relatati ;*

*2. Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` estera kif lokalment rapprezentata fis-somma bilancjali ta` tletin elf, hames mija tlieta u tletin euro tlieta u ghoxrin centezmu (€30,533.23) liema somma tirraprezenta bilanc dovut bhala prezz ta` merkanzija ta` frott u haxix mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu u struzzjonijiet ta` l-istess socjeta` konvenuta kif jirrizulta mir-rendikont (anness u mmarkat bhala "Dok. AC1" liema rendikont jirreferi ghall-fatturi numri 0676971, 0677169, 0677177, 0677321, 0677330, 0677408, 0677559, 0677680, 0677734 u 0677749 (annessi u mmarkati bhala "Dok. AC2" sa "Dok. AC11" ;*

*3. Illi minkejja li s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-import ta` dawn il-fatturi msemmija hawn annessi anke permezz ta` zewg ittri ufficcjali datati 18 ta` Frar 2008 (hawn annessi u mmarkati "Dok. AC12" u "Dok. AC13"), is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti ;*

*4. Ghaldaqstant, tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma bilancjali ta` tletin elf, hames mija tlieta u tletin euro tlieta u ghoxrin centezmu (€30,533.23) rapprezentanti l-bilanc fuq l-import totali tal-fatturi msemmijin fir-rendikont esebit, liema somma ghadha sal-lum dovuta, bl-imghaxijiet legali mid-data rispettiva ta` kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittri ufficjali datati 18 ta` Frar 2008 mibghuta lis-socjeta` konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur nomine u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat ir-**risposta guramentata** prezentata fid-9 ta` Mejju 2008 li taqra hekk –

*Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante li preliminarjament, trattandosi' ta` haxix u frott frisk, bejn il-partijiet kien hemm prassi kummercjali, illi mhux kull ma jigi mibghut mis-socjeta` attrici jigi ffatturat, izda jigi ffatturat biss dak li effettivament jigi mibjugh fis-suq Malti mis-socjeta` konvenuta.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jirrizulta wkoll illi s-socjeta` attrici kkagunat danni ammontanti fis-somma ta` EURO 23,687 lis-socjeta` konvenuta, u ghalhekk anke jekk in pessima ipotesi jirrizulta li hemm xi ammont dovut mis-socjeta` konvenuta, dan l-ammont ghandu jigi pacut kontra d-danni kkagunati minn l-istess socjeta` attrici.*

*Illi fil-fatt fl-atti ta` din il-kawza qed issir rikonvenzjoni.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti skond il-kumpannija konvenuta u l-lista tax-xhieda ndikati minnha.

Rat il-**kontrotalba** li taqra hekk –

*1. Illi jezistu r-rekwiziti kontemplati mill-Artikoli 396 et sequitur biex issir rikonvenzjoni mis-socjeta` konvenuta u peress illi s-socjeta` konvenuta fil-fatt tixtieq tinqeda b`dawn il-proceduri sabiex tipproponi l-kontrotalba taghha ;*

*2. Illi s-socjeta` attrici kienet inkarigat lis-socjeta` konvenuta illi tkabbrilha f`Malta kwantita` kbira ta` qargha hamra ;*

*3. Illi fil-fatt wara li s-socjeta` attrici kienet baghtet iz-zerriegha tal-qargha ahmar, (vide dok. CPS2) is-socjeta` konvenuta kienet ikkontrattat ma` numru ta` bdiewa sabiex ikabbru l-qargha ahmar ghas-socjeta` attrici ;*

*4. Illi meta l-qargha ahmar lahaq f`Gunju tas-sena 2007, is-socjeta` attrici naqset li tiehu lura minghand is-socjeta` konvenuta l-qaghar ahmar, ghaliha mkabbar ;*

*5. Illi s-socjeta` konvenuta spiccat bi kwantita` kbira ta` qargha ahmar ma` wiccha – liema kwantita` ma setghetx tiddisponi minnha band`ohra ;*

*6. Illi s-socjeta` konvenuta kellha thallas lill-bdiewa minnha kkuntrattjati u bhala konsegwenza spiccat sofriet danni ammontanti ghal EURO 23,687, kif jirrizulta mill-prospett hawn anness bhala CPS1, u kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza ;*

*7. Illi s-socjeta` attrici hija responsabbli li taghmel tajjeb ghal dawn id-danni versu s-socjeta` konvenuta.*

*Tghid ghalhekk is-socjeta` attrici ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tiddikjara li s-socjeta` attrici hija responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` konvenuta in vista tas-suespost ;*

*2. Tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lis-socjeta` konvenuta s-somma ta` Euro 23,687, jew somma ohra verjuri li jidhrilha din il-Qorti, in linea ta` danni sofferti mis-socjeta` konvenuta.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru u tal-mandat ta` qbid li qed jigu ntavolati kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mill-15 ta` Gunju 2007, kontra s-socjeta` attrici, li r-rappresentanti taghha qed jigu ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta rikonvenzjonanti u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat ir-**risposta guramentata** tal-attur nomine ghall-kontrotalba prezentata fit-2 ta` Gunju 2008 li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta` CPS Company Limited ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u bbazati fuq premessi ghal kollox zbaljati u li ma jirriflettux ir-realta` tar-relazzjoni bejn is-socjeta` intimata u s-socjeta` estera c. van de Watering & Zn. B.V. kif ser jigi ampjament ippruvat f`dawn il-proceduri ;*

*2. Illi kontra dak allegat mis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti, is-socjeta` estera C. van de Watering &*

*Zn. B.V. qatt ma kienet responsabbli ghall-ebda forma ta` danni allegatament sofferti mir-rikonvenzjonanti u fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost hija s-socjeta` intimata rikonvenzjonanti trid tipprova r-responsabbilta` ghad-danni allegatament sofferti minnha;*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur nomine rikonvenzjonat.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mill-attur noe fl-udjenza tas-27 ta` Ottubru 2008.

Semghet ix-xiehda ta` Patrick Visser fl-udjenzi tad-9 ta` Marzu 2009 u tas-26 ta` Ottubru 2010 u rat id-dokumenti li tressqu mix-xhud fiz-zewg udjenzi.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta` April 2009 fejn il-partijiet qablu li l-prodotti li taghhom l-attur noe qieghed jippretendi l-hlas kienu gew konsenjati lill-kumpannija konvenuta. Qablu wkoll li l-ammont pretiz bhala hlas mill-attur noe huwa kontestat u ghax hu hekk baqa` ma thallasx.

Semghet ix-xiehda in ezami ta` Paul Micallef fl-udjenzi tal-24 ta` Novembru 2009, tat-2 ta` Marzu 2010 u tal-1 ta` Gunju 2010, u rat id-dokumenti li x-xhud esebixxa fiz-zewg udjenzi tal-ahhar, u semghet ix-xiehda tal-istess xhud in kontroezami fl-udjenza tas-26 ta` Ottubru 2010..

Semghet ukoll id-deposizzjoni ta` John Bonavia fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 2010.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta` Marzu 2010 fejn dwar il-kontrotalba l-attur noe ddikjara li l-kontestazzjoni tal-mandanti tieghu kienet illi qatt ma saret ordni ghal provvista ta` qargha ahmar lill-kumpannija konvenuta. Ghalhekk il-vertenza ma tirrigwardax il-quantum pretiz ghalkemm xorta insista li kellu jkun hemm verifika tal-istess.

Semghet id-deposizzjoni ta` Brian Bonavia u Joseph Sant fl-udjenza tas-26 ta` Ottubru 2010.

Rat id-dokument li kien esebit mill-kumpannija konvenuta permezz ta` nota fit-23 ta` Novembru 2010.

Semghet is-sottomissjonijiet finali li d-difensuri tal-partijiet ghamlu bil-fomm fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2011 wara li nghalaq il-gbir tal-provi.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat illi tinsab f`qaghda li taghti sentenza llum.

**Ikkunsidrat :**

**II.** **<u>It-talba attrici</u>**

**i)** **<u>Provi</u>**

In sostenn tat-talba tieghu kif dedotta fir-rikors guramentat, l-attur noe pprezenta *inter alia* prospett u tnax-il fattura li jkopru z-zmien ta` bejn il-31 ta` Awissu 2006 u d-9 ta` Ottubru 2006. L-ghadd tal-ammonti ndikati fil-fatturi jgib il-figura ta` €30,533.23 ; dan huwa l-ammont li l-attur noe qieghed jirreklama bhala l-prezz tal-bejgh ta` frott u hxejjex li kienu konsenjati lill-kumpannija konvenuta (minn issa `l quddiem tissejjah "CPS"). CPS mhijiex tikkontesta l- konsenja.

Apparti d-dokumenti, il-konsiderazzjoni tat-talba attrici ddur fuq id-deposizzjoni ta` Patrick Visser, *Sales Manager* ghal Malta tal-kumpannija venditrici estera (minn issa `l quddiem tissejjah "Watering") rapprezentata mill-attur noe fil-kawza tal-lum, u Paul Micallef, *Managing Director* ta` CPS, u xi persuni li CPS ressqet bhala xhieda limitatament dwar il-kontrotalba, tnejn huma l-persuni li fuq id-deposizzjoni taghhom idur il-fus tal-esitu tal-kawza tal-lum kemm ghar-rigward tat-talbiet attrici kif ukoll ghar-rigward tal-kontrotalba :

<u>Patrick Visser</u> xehed illi l-mandanti tal-attur noe kienet ilha tmienja/disa` snin tikkontratta bla problemi ma` CPS. Il-bejgh ma sarx *on consignment* izda kien *an outright sale.* Il-fatturi esebiti ma thallsux kif patwit fi zmien disghin (90) jum mill-konsenja ghaliex CPS qalet illi kellha *claim* kontra Watering. Ix-xhud cahad illi l-bejgh tal-prodott sar kif allegat minn CPS. In sostenn u cioe` illi l-bejgh sar fuq bazi ta` *invoice*, ix-xhud esebixxa Dok PV1 (a fol 57). Ix-xhud spjega illi, bhala *modus operandi* bejn il-partijiet, il-prassi kienet illi jekk wara li tkun saret il-konsenja, tkun tirrizulta hsara fil-prodott, il-kumpannija venditrici kienet tohrog *credit note for the goods.* Il-hrug tal-*credit note* kienet bazata fuq relazzjoni fiducjarja bejn il-kumpannija venditrici u CPS. Li tassew hekk kien, skond ix-xhud, jirrizulta fejn huwa mmarka fuq id-dokument a fol 58 (bl-ittra x bl-iswed). Ix-xhud cahad illi l-bejgh sar fuq bazi ta` *consignment.* Cahad illi kien hemm xi konsuetudini tal-kummerc bejn il-partijiet illi tghid li l-bejgh ma kellux issir abbazi ta` *invoice.* Sostna li ma` CPS il-ftehim kien sa minn dejjem : "ixtri u hallas".

Paul Micallef xehed illi kien hemm prodotti li l-bejgh taghhom kien *on consignment,* ohrajn illi ma kienux u ohrajn li kienu ta` kwalita` skadenti ghaliex *perishable* fi grad aktar mghaggel mill-ohrajn.Ipprezenta serje ta` dokumenti fosthom Dok KB1 u KB2 biex juri kif kienet issir l-ordni lil Watering u kif din kienet tikkonferma li sejra tibghat ix-xoghol, Dok KB3 biex turi t-*turnover* li kellhom fis-sena partikolari fejn hadmu *on consignment* valur ta` Lm81,000 cirka, u Dok KB4 huwa x-xoghol li kienx inbiegh ghax intbaghat bil-hsara. Ix-xoghol bil-hsara kien jiswa Lm14,580. CPS zammet dawn il-flus. Fejn fid-dokumenti huwa *highlighted* huwa x-xoghol bil-hsara. Il-prassi mal-kumpannija estera kienet illi meta prodott jigi ppruvat fis-suq Malti u ma jirnexxix, CPS ma thallasx lil ta` barra ghax hi tkun inkorriet l-ispiza tal-*freight* u tal-*istorage*.

Fil-kontroezami, Paul Micallef ikkonferma illi l-ebda wiehed mill-prodotti indikati fl-*invoices* ta` Watering ma ntbaghat lura. Skond ix-xhud, dan ma sarx ghaliex ma kienx vijabbli li jsir hekk minhabba l-ispejjez involuti. Patrick Visser kien ighidlu biex jigbor imqar il-*freight*. CPS qatt ma ghamlet ilment bil-miktub dwar il-kwalita` u l-istat tal-prodott konsenjat mertu ta` din il-kawza. Bil-fomm pero` saru ilmenti. Xehed illi Watering kienet tibghat prodott li lanqas biss kien ikun ordnat. CPS kienet tipprova ggib li tista`. Pero` fuq l-*invoice* kien jidher il-*full price* u fuq l-*invoice* ta` wara ma kien jidher xejn. Il-prodott bil-hsara nqata` minn Watering. Ighid illi ma kellhomx ihallsu ghal dak ix-xoghol li ma kienx ordnat, ipprovaw ibieghuh u ma gabrux il-flus tieghu. Ikkonferma illi l-arrangament ma` Watering ma kienx illi xoghol bil-hsara jintrema` izda qabel isir hekk Watering tkun avzata. Ix-xoghol hazin kien dak biss li hemm immarkat fil-prospett a fol 5 (fol 260).

## ii) Risultanzi

CPS tiddefendi ruhha kontra l-istanza attrici billi tallega illi bejn il-partijiet kien hemm prassi kummercjali fis-sens illi mhux kull ma tibghat Watering jigi fatturat, izda jigi fatturat biss dak li CPS effettivament tbiegh fis-suq lokali.

Fis-sentenza taghha tat-18 ta` Frar 1965 fil-kawza **“Ruggier et vs Refalo”** (Kollez. Vol. XLIX.III.1128) il-Qorti tal-Kummerc abbraccjat l-enuncjazzjoni li kienet ghamlet l-istess Qorti fis-sentenza taghha tas-26 ta` April 1951 fil-kawza **“Vassallo noe vs Caruana”** (Kollez. Vol. XXXV. III.574) illi –

*"il-kuntratt ta` spedizzjoni ta` merci on consignment huwa kuntratt mhux ta` bejgh imma pjuttost ta` kummissjoni u ghalhekk il-kreditur ghandu dritt jitlob il-prezz tal-merkanzija biss li tkun inbieghet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbieghetx"*

Fis-sentenza “**Vassallo noe vs Caruana noe**” kien precizat illi meta jsir bejgh *on consignment* il-parti li tircevi l-mercja ma ssirx il-proprjetarja ta` dik merkanzija bhal ma jigri f`kaz ta` bejgh, izda ghandha biss min-natura ta` depozitarju bl-obbligu li, mal-bejgh ta` dik il-merkanzija lill-terzi persuni bil-prezz minnha konvenut ma` dawk it-terzi, thallas lid-depozitant il-prezz originarjament konvenut ghal dik il-merkanzija hekk mibjugha.

Kien jispetta lil CPS il-prova illi fl-ewwel lok kien hemm tassew bejn il-partijiet prassi kummercjali illi mill-frott u hxejjex konsenjati minn Watering, kien jigi fatturat biss dak il-prodott illi CPS tbiegh fis-suq lokali, u fit-tieni lok illi hekk kien il-kaz ghar-rigward tal-fatturi mhux imhallsin li taghhom Watering qeghda tirreklama l-hlas fil-kawza tal-lum.

Din il-Qorti ghaddiet mill-gharbiel taghha l-provi li ressqet CPS u ma ssibx sostenn ghal dak li qeghda

tallega. Watering qeghda tichad li qatt sar bejgh *on consignment* lil CPS jew xi ftehim illi jigi fatturat biss dak li effettivament jinbiegh minn CPS fis-suq lokali. Minn ezami tad-dokumenti esebiti mill-attur noe, ma jirrizultax li l-bejgh sar on *consignment.* Jirrizulta anzi l-maqlub u cioe` illi Watering bieghet lil CPS bil-fattura l-prodott specifikat bil-kwantita` u ghall-prezz hemm indikat. Jirrizulta li l-prodott kien kollu konsenjat. U jirrizulta illi fejn xi prodott konsenjat kien tassew bil-hsara, Watering ma ppretendietx hlas tieghu.

Bil-maqlub tal-provi ta` Watering li juru li l-bejgh sar bil-fattura, il-provi ta` CPS huma konfuzi u inattendibbli. Incerta ghall-ahhar kienet id-deposizzjoni ta` Paul Micallef. F`nifs wiehed, iwaqqa` d-difiza ta` CPS kif dedotta fir-risposta guramentata meta ighid b`mod generiku illi kien hemm prodotti li l-bejgh taghhom kien *on consignment,* ohrajn illi ma kinux u ohrajn li kienu ta` kwalita` skadenti ghaliex *perishable* fi grad aktar mghaggel mill-ohrajn. Bil-fatturi ta` Watering fil-pussess tieghu, Paul Micallef naqas illi jindika in sostenn tal-premessa li l-bejgh kien *on consignment* liema kienu l-prodotti ndikati fil-fatturi li nbieghu fis-suq lokali, u liema ma nbieghux – u nbieghux mhux ghax kienu bil-hsara mal-konsenja, izda ghaliex baqghu fuq l-ixaffa. CPS tghid illi Watering kienet tibghat prodotti li CPS ma kenitx tordna sabiex tipprovahom fis-suq lokali. Pero` jekk hekk kien tassew din il-Qorti ma tifhimx kif CPS accettat illi dawk il-prodotti “bi prova” jitnizzlu fil-fattura. Il-pretensjoni ta` CPS li kollox kif jimxi bil-fiducja ma` Watering ma tistax tiggebbed sal-inverosimili. Apparti l-genericita` tal-allegazzjonijiet ta` CPS, il-fatt illi jgib fix-xejn id-difiza taghha kontra t-talba attrici huwa li hija qatt ma baghtet lura lil Watering il-prodott mhux mibjugh. Fondamentali fil-bejgh *on consignment* trid issir ilk-prova li kien hemm prodott mhux mibjugh u li dak il-prodott intbaghat lura lill-fornitur. Paul Micallef spjega li l-ebda prodott ma qatt intbaghat lura ghaliex ma kienx *cost effective* li jsir hekk. Imma jekk allura dak kien il-kaz ma tistax CPS tippretendi li l-bejgh kien *on consignment*. Inoltre mqar CPS gabet il-prova ta` xi komunikazzjoni li ghamlet ma` Watering dwar

prodott mhux mibjugh sabiex dan eventwalment jinqata` mill-fattura.

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, *izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja* (**"Borg vs Bartolo"** – Appell Inferjuri – 25 ta` Gunju 1980). Il-grad ta` prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f`mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta` provi meqjusa fuq bilanc ta` probabilitajiet (**"Caruana vs Laurenti"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; **"Borg vs Manager ta` l-Intrapriza tal-Halib"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; **"Vassallo vs Pace"** – Vol.LXX.II.144 u **"Zammit vs Petrococchino"** – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).

Din il-Qorti tghid illi l-provi ta` l-attur noe jaghtu aktar affidament b`kuntrast mal-karenzi – cari u inekwivoci – fil-provi tal-kumpannija konvenuta.

**Anke ghalhekk qeghda tilqa` t-talba attrici**.

**Ikkunsidrat :**

**III. Il-kontrotalba**

**i) Provi**

Patrick Visser xehed illi Watering bieghet lil CPS 300 kilo ta` zerriegha tal-qargha ahmar skond l-invoice a fol 34. A fol 68, xehed hekk –

"*As we also have some nurseries in the south of France where we have our own plantation, there was a time that we were speaking about pumpkins. Then Mr.*

*Micallef asked me if I could deliver him some of those seeds because he wanted to make a growing in Malta of those pumpkins so what I`ve done is delivered him 300 kilos of seeds with an invoice and also the invoice is paid by CPS."*

Ix-xhud cahad illi kien hemm ftehim ma` CPS fejn wara li jikber il-qargha ahmar miz-zerriegha konsenjata, il-kumpannija estera tiehu hi l-prodtt mkabbar f`Malta biex tbieghu barra.

Dwar l-email a fol 101 li CPS tghid li rceviet minghandu bhala konferma li kien hemm dak il-ftehim, Patrick Vissier cahad li qatt baghat dik l-email u ta r-ragunijiet tieghu. L-email address tieghu kien patrick@watering.ml. Ipprezenta Dok NL1 u Dok NL2 u fir-rigward xehed taghhom hekk –

*... Document NL1 is actually a document that was forwarded to me or to my legal representative when the issue had not been taken to Court and where we contested its contents not only because the bottom part of page 1 was never sent to us but also because my name is not Patick Visser but my name is Patrick Visser. And my name on my email system is already printed in every email I send and it is always sent with Patrick correctly spelt. And also the name of the company I write in small letters and this is in big letters ...*

*Document NL2 is the electronic signature which I use normally as evidenced from this document ...*

Fil-kontroezami, Patrick Visser xehed illi minn Israel Watering timporta l-bins fejn jitpogga l-qargha ahmar illi tkabbar fil-kontinent. CPS kienet taf b`dawn il-bin jew cartons ghaliex Paul Micallef ta` CPS kien staqsieh kif huma kienu jippakkjaw il-qargha ahmar, u x-xhud kien urieh ritratt tal-*packaging*.

Ikkonferma li wara li kien *harvested* il-qargha ahmar li kien prodott miz-zerriegha li Watering bieghet lil CPS, Paul Micallef kien talbu biex isiblu suq ghall-prodott barra. Pero` Patrick Vissier kien wiegbu illi dak iz-zmien ma kienx hemm suq ghall-prodott. Meta xtara z-zerriegha, il-hsieb ta` Paul Micallef kien illi *he wanted to grow them in Malta and from there send them out by himself* (fol 77). Ma` Micallef, ma kienx tkellem dwar il-prezz finali tal-prodott ghaliex *prices in fruit and vegetables are every day different, when the market is low, prices are low, when the market is high, prices go up.* Bil-bejgh taz-zerriegha, CPS ma kenitx se tkun kompetitur tal-kumpannija estera ghar-raguni li din iggib il-qargha ahmar mkabbar fl-ucuh taghha fi Franza u tbieghu fl-Olanda u mhux go swieq ohra.

Paul Micallef xehed illi ma` Watering kien illi CPS tkabbar il-qargha ahmar f`Malta ghall-esportazzjoni lejn is-suq tal-Ewropa. Watering kellha tiehu l-prodott biex tqassmu fil-kontinent fi zmien meta l-qargha ahmar provenjenti minn Franza u Spanja jkun naqqas sewwa, u allura s-suq jibqa` jigi fornit bil-prodott li jkun tkabbar f`Malta. Abbazi ta` dak il-ftehim, CPS kienet kkommettiet ruhha ma` bdiewa Maltin biex ikabbru l-prodott. Watering bieghet (u thallset) taz-zerriegha lil CPS, u tatha istruzzjonijiet ta` kif u meta ghandha ssir iz-zergha. Iz-zriegh sar f`Marzu. Il-prezz ma kienx miftiehem pero` kellu jdur madwar il-figura ta` 30c ta` lira maltija kull kilo. Ghal Novembru jew Dicembru beda jinqata` l-prodott izda billi Watering kienet ghadha ma baghtitx
il-bins li kellha tircievi minn Israel biex jippakkja ruhu l-prodott go fihom, bdew iqeghdu x-xoghol fil-coldrooms.

Paul Micallef kompla jixhed illi l-intiza kienet li x-xoghol imur barra f`Jannar. Wasal Jannar. Lejn l-ahhar ta` dak ix-xahar, Patrick Visser qallu biex ma jibghat xejn dak il-mument ghaliex kien ghad fadal fis-suq hafna mill-prodott ta` Franza u Spanja. L-istess baqa` ighid fi Frar. Billi x-xoghol Malti baqa` ma marx barra, kien kostrett

iqieghed l-prodott fis-suq Malti, izda billi kien hemm *over supply*, hafna minnu baqa` mhux mibjugh. Fil-fatt intrema` madwar 60% minnu. Fis-suq Malti, il-prodott beda jinbiegh bi prezz massimu ta` 5c tal-lira maltija kull kilo. Kellu jhallas uhud mill-bdiewa li kabbru l-prodott. Ma` ohrajn kien ghadu ma rrangax. Mal-bdiewa CPS kienet ftehmet prezz ta` 30c tal-lira maltija kull kilo. Kien se jirranga mal-bdiewa fuq kumpens ta` 15c tal-lira maltija kull kilo. Li jfisser Lm9,000 minflok Lm18,000.

John Bonavia xehed illi huwa kien pitkal. Kien inkarikat minn Paul Micallef ta` CPS biex isiblu l-bdiewa biex ikabbru l-qargha ahmar li CPS ried jibghat l-Olanda. Fil-fatt anke huwa stess kabbar il-qargha ahmar. Hu ma kellu l-ebda kuntatt jew negozju ma` ta` barra. Iz-zerriegha tahielhom Paul Micallef. Wara li kiber u ngabar, il-prodott, minflok mar barra, baqa` Malta. Hafna minnu spicca ntrema` ghax thassar. Dak li thassar kellu valur ta` Lm10,000 bl-10c tal-lira maltija kull kilo. Il-bdiewa u hu baqghu ma thallasux. Paul Micallef kien urieh fejn kellu jkun ippakkjat il-qargha ahmar. CPS kellha tipprovdi l-*packaging*. Dik kienet l-ewwel darba li CPS riedet tkabbar prodott tar-raba` ghal barra. Fid-dokumenti, 619 huwa n-numru tal-licenza ta` CPS, 35 huwa l-product code tal-qargha ahmar u 12 huwa n-numru tieghu bhala pitkal. Hu hareg Dok PM1 esebit. Minghand CPS ghandu jiehu Lm10,269. Minnhom imbaghad kellu jhallas il-bdiewa li kabbru l-qargha ahmar.

Xehdu wkoll it-tliet bdiewa li zerghu fl-oqsma taghhom iz-zerriegha ta` CPS. Minn naha wahda ikkonfermaw li tal-prodott ma kienux ghadhom thallsu u min-naha l-ohra li dak it-tip ta` qargha ahmar ma kienx tas-suq lokali.

## ii) Risultanzi

Ghall-kontrotalba, il-piz tal-prova kien jispetta lill-kumpannija konvenuta. Meqjus b`reqqa l-assjem tal-provi akkwiziti, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-pretensjoni ta` CPS hija nfondata. Huwa fatt accertat illi Paul Micallef u Patrick Visser tkellmu dwar il-vijabilita` illi CPS tibda tkabbar prodott tar-raba` ghall-esportazzjoni fis-suq Ewropej. Mhux eskluz illi kien identifikat il-qargha ahmar bhala prodott li seta` jitkabbar Malta biex jippenetra s-suq Ewropew fi zmien meta f`dak is-suq ikun hemm karenza ta` l-prodott. Biex pero` wiehed jasal li jghid illi Watering specifikament dahlet fi ftehim ma` CPS dwar it-tkabbir tal-prodott f`Malta u wara l-bejgh tieghu fl-Ewropa, meta hija stess kienet tipproduci l-qargha ahmar f`oqsma taghha fi Spanja u Franza biex tbieghu mhux fl-Ewropa kollha izda ghas-suq Olandiz, kien jinvolvi prova konklussiva, u mhux semplicement cirkostanzjali.

Irrizulta li Watering bieghet 300 kilo zerriegha tal-qargha ahmar. Taz-zerriegha, CPS hallset lil Watering. Ghal din il-Qorti, dan ifisser illi l-prodott ma kienx se jkun ta` Watering izda ta` CPS ; altrimenti Watering ma kenitx tircievi hlas minghand CPS taz-zerriegha. X`kellu jkun ir-rwol ta` Watering, b`ebda mod ma johrog car mid-deposizzjoni ta` Paul Micallef : kellha tixtri kollox Watering ? kellha tpoggi l-qargha ahmar fis-suq u tiehu kommissjoni ? Iddur kemm iddur max-xiehda ta` Paul Micallef ma ssibx risposta.

Anke hawn CPS tipprova tuza r-relazzjoni fiducjarja taghha ma` Watering bhala lieva favur it-tezi taghha. Din il-Qorti mhijiex pero` konvinta.

Dik kienet l-ewwel esperjenza ta` CPS fit-tkabbir ta` prodott f`Malta ghall-esportazzjoni. Ladarba dik kienet sejra tkun l-ewwel esperjenza, u ladarba kien se jkun hemm l-involviment ta` terzi u cioe` l-bdiewa illi kienu se jkabbru l-prodott b`inkariku ta` CPS, u allura kienu sejrin jippretendu l-hlas dovut minghand CPS, wiehed kellu jifhem li CPS kellha tfittex li tkun ben koperta f`kaz li

jinqala` xi intopp. Eppure kollox jidher lio kien fluwidu u xejn ma sar bil-miktub.

Din il-Qorti mhijiex konvinta li Watering hadet vantagg minn CPS. Watering bhal CPS hija azjenda kummercjali. Gietha l-okkazjoni li tbiegh zerriegha tal qargha ahmar anke jekk innovattiva fis-suq Malti u rnexxielha. CPS hasbet illi bil-kuntatti tajbin li kellha ma` Watering setghet tkabbar il-prodott Malta u tqeghdu bi profitt fis-suq Ewropew fi zmien meta il-prodott ikun skars. Izda l-progett falla. Pero` ma fallhiex tort ta` Watering ; almenu ma rrizultatx hekk mill-provi.

Tibqa` in kwistjoni l-email a fol 101. Din il-Qorti ezaminat b`reqqa l-email u taghti affidament lill-versjoni ta` Patrick Visser. Huwa ben manifest illi l-email li suppost kienet gejja minghand Patrick Visser kellha l-irregolaritajiet – ewlieni fosthom kien dak l-isem tal-mittent. Ghal din il-Qorti huwa inverosimili li xi hadd, specjalment min ikun involut ta` kuljum u bhala parti minn xogholu fil-kummerc, jibghat email fejn inizzel ismu hazin. Din il-Qorti kienet tistenna li min ircieva l-email u cioe` certu Tonio Ciantar ta` CPS jingieb jixhed dwar dan il-fatt tenut kont illi kien xhud dikjarat. <u>Eppure ma sar xejn minn dan</u>. U ghalhekk Patrick Visser mhuwiex kontradett fl-istqarrija tieghu illi ma baghat l-ebda email bhal dik a fol 101.

**<u>Din il-Qorti qeghda tichad il-kontrotalba</u>**.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta ghat-talba attrici.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-attur noe ghall-kontrotalba.**

**Tilqa` t-talba attrici u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-attur noe s-somma ta` tletin elf, hames mija tlieta u tletin euro tlieta u ghoxrin centezmu (€30,533.23), rapprezentanti l-bilanc fuq l-import totali ta` l-fatturi fuq riferiti ghall-bejgh ta` frott u hxejjex ikkonsenjati lill-kumpannija konvenuta, bl-imghax legali b`effett mid-data ta` kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.**

**Tichad il-kontrotalba.**

**Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------